MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1278/2002/1

**Avviz Numru 1278/02 AJD**
**Forestals (Appliances) Ltd**

**vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta’ Mejju, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u disghin lira MAltin u hames centezmi (Lm590.05) rappresentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-ahhar pagament, u cioe’ mill-24 ta’ Jannar 2001 sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta.
Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Melissa Anastasi, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata,u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disghin lira MAltin u hames centezmi (Lm590.05), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**